



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 176/24

il-Lussemburgu, 8 ta' Ottubru 2024

Thomas von Danwitz elett Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Wara t-tibdil parorzali tal-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja¹, Thomas von Danwitz ġie elett Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għall-perijodu bejn it-8 ta' Ottubru 2024 u s-6 ta' Ottubru 2027. Huwa qiegħed jissostitwixxi f'din il-kariga lil Lars Bay Larsen

Curriculum vitae ta' Thomas von Danwitz

Imwiedli fl-1962 f'Bedburg/Erfurt (il-Ġermanja), Thomas von Danwitz segwa l-istudji tiegħu fir-Rheinische Friedrich-Wilhelms-Universität Bonn (l-Università Renana Frédéric-Guillaume ta' Bonn, il-Ġermanja), fejn għaddha l-ewwel eżami tal-istat fid-dritt fl-1986, u fl-université de Genève (l-Università ta' Genève, l-Isvizzera). Huwa sostna teżi fir-Rheinische Friedrich-Wilhelms-Universität Bonn u rċieva d-dottorat fid-dritt fl-1988. Bħala student anzjan tal-École nationale d'administration (l-Iskola Nazzjonali tal-Amministrazzjoni, Franzja), Thomas von Danwitz minn hemm kiseb id-diploma internazzjonali ta' amministrazzjoni pubblika fl-1990. Fl-1992, huwa ffinalizza l-preparazzjoni ġuridika tiegħu f'Cologne (il-Ġermanja) bit-tieni eżami tal-istat fid-dritt u kiseb, fl-1996, il-mandat tiegħu fir-Rheinische Friedrich-Wilhelms-Universität Bonn, fejn ġadem bħala kollaboratur xjentifiku.

Filwaqt li indirizza x-xogħol tiegħu ta' riċerka essenzjalment lejn id-dritt pubbliku Ġermaniż kif ukoll lejn id-dritt Ewropew, Thomas von Danwitz għallem dawn is-suġġetti, mill-1996 sal-2003, bħala professur fir-Ruhr-Universität Bochum (l-Università ta' Ruhr ta' Bochum, il-Ġermanja), fejn okkupa, mill-2000 sal-2001, il-pożizzjoni ta' dekan tal-Fakultà tal-Liġi. Mill-2003 sal-2006, huwa għallem fl-Università zu Köln (l-Università ta' Köln, il-Ġermanja) u hemm sar direttur tal-Istitut tad-Dritt Pubbliku u tax-Xjenza Amministrattiva fl-2006.

Il-karriera universitarja tiegħu wasslitu fil-Fletcher School of Law and Diplomacy tat-Tufts University (l-Università Tufts, I-Stati Uniti) bħala professur mistieden fl-2000, fl-université François Rabelais de Tours (l-Università Rabelas ta' Tours, Franzja) bejn l-2001 u l-2006, kif ukoll fl-université de Paris I Panthéon-Sorbonne (l-Università ta' Pariġi Panthéon-Sorbonne, Franzja) mill-2005 sal-2006. Fl-2005, huwa wettaq soġġorn ta' tagħlim u riċerka fil-University of California, Berkeley (l-Università ta' California f'Berkeley, I-Stati Uniti). Huwa ngħaqad, fl-2004, bħala membru, mal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Ġurnata tal-Ġuristi Ġermaniżi (Ständige Deputation des Deutschen Juristentags), li magħhom baqa' involut sal-2014.

Thomas von Danwitz ġie nnominat Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Ottubru 2006. Huwa ġie elett President ta' Awla mill-Membri l-oħra tal-Qorti tal-Ġustizzja għal żewġ mandati suċċessivi bejn id-9 ta' Ottubru 2012 u s-6 ta' Ottubru 2018.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ⓕ (+352) 4303 3355.

Ibqgħu konnessi!



¹ Ara l-Istqarrija għall-istampa [Nru 174/24](#) tas-7 ta' Ottubru 2024.